**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Frar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus — il-Finlandja) — Proċedura mressqa mil-Lahti Energia Oy**

**(Kawża C-209/09)** [1]

***("Direttiva 2000/76/KE — Inċinerazzjoni ta' skart — Impjant ta' inċinerazzjoni — Impjant ta' koinċinerazzjoni — Kumpless ikkostitwit minn fabbrika tal-gass u minn impjant ta' produzzjoni ta' enerġija — Inċinerazzjoni fl-impjant ta' produzzjoni ta' enerġija ta' gass mhux ippurifikat prodott mit-trattament bis-sħana tal-iskart fil-fabbrika tal-gass")***

(2010/C 100/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Parti fil-kawża prinċipali**

Lahti Energia Oy

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Korkein hallinto-oikeus — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Diċembru 2000, dwar l-inċinerazzjoni ta' skart (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 353) — Kumpless ikkostitwit minn fabbrika li tipproduċi gass mill-iskart kif ukoll minn impjant ta' produzzjoni ta' enerġija li l-boiler tiegħu jaħraq il-gass iġġenerat mit-trattament bis-sħana tal-iskart fil-fabbrika tal-gass — Kombustjoni fil-boiler tal-impjant ta' produzzjoni ta' enerġija ta' gass mhux ippurifikat minflok gass ippurifikat

**Dispożittiv**

*Impjant ta' produzzjoni ta' enerġija li juża bħala kombustibbli addizzjonali, ma' kombustibbli fossili użati prinċipalment fl-attività tiegħu ta' produzzjoni, gass miksub f'fabbrika prodott mit-trattament bis-sħana applikat lil skart għandu jiġi kkunsidrat, flimkien ma' din il-fabbrika bħala "impjant ta' ko-inċenerazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart, meta l-imsemmi gass ma ġiex ippurifikat fil-konfini tal-imsemmija fabbrika.*

[1] ĠU C 193, 15.8.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Frar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-295/09)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/4/KE — Dritt tal-kumpanniji — Verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)***

(2010/C 100/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea [rappreżentanti: G. Braun u E. Adsera Ribera, aġenti]

*Konvenuta:* Ir-Renju ta' Spanja [rappreżentant: F. Díez Moreno, aġent]

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, p.87)

**Dispożittiv**

(1) *Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 256, 24.10.2009.